C/2024/5764

25.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11741 – ABASTIBLE / GASIB SPAIN / GASIB PORTUGALL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5764)

1. Fis-17 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Abastible S.A. ("Abastible") (iċ-Ċilì),

— Gasib Sociedad Ibérica de Gas Licuado, S.L.U. ("Gasib Spanja"), kkontrollata minn Compañía Española de Petróleos, S.A., ("CEPSA") (it-tnejn li huma fi Spanja),

— Sociedade Ibérica de Gàs Liquefeito, Lda ("Gasib Portugal") (il-Portugall), ikkontrollata minn CEPSA.

Abastible se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Gasib Spain u Gasib Portugal kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma dawn li ġejjin:

— Abastible hija attiva fid-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-gass likwifikat miż-żejt ("LPG") fiċ-Ċilì, fil-Kolombja, fl-Ekwador u fil-Perù. Abastible toffri wkoll soluzzjonijiet ta' enerġija b'valur miżjud fil-qafas ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika, timmaniġġja pompi tal-mili tal-gass għall-karozzi u toffri servizzi domestiċi relatati mal-installazzjoni u servizzi ta' assistenza ta' kontinġenza relatati mal-gass likwifikat fl-Amerka t'Isfel,

— Gasib Spanja tforni u tiddistribwixxi l-LPG fi Spanja,

— Gasib Portugal tforni u tiddistribwixxi l-LPG fil-Portugall.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jeħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11741 — ABASTIBLE/GASIB SPAIN/GASIB PORTUGAL

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË